# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 223/2015**

Il-Pulizija

vs

**Rueben Pace**

iben Joseph, imwieled Pieta', fl-24 ta' Settembru, 1973, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 431773(M)

Illum, 13 ta' Settembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Rueben Pace quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghax-xahar ta' Novembru, 2014 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Michelle Gatt u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta’ April, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Rueben Pace ipprezentat fit-8 ta’ Mejju, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka thassar u tannulla s-sentenza tad-29 ta' April, 2015, moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Familja), u tillibera lill-esponent minn kull htija u piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi b' kull dovut rispett, l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament tal-fatti u provi b' mod generali:

Illi l-appellant gie misjub hati talli ma vversax il-manteniment ghax-xahar ta' Novembru, 2014 versu bintu minuri Kyle Pace.

Illi fil-fatt, ghalkemm Kylie Pace ghadha minorenni hija ghandha mpjieg bi qliegh fuq bazi full time, u dan kif gie kkonfermat bil-gurament mir-rapprezentant ta' l-ETC fis-seduta tad-29 ta' April 2015, illi pprezenta wkoll dokument minn fejn jirrizulta li l-minuri hija mpjegata fuq bazi full time b' kuntratt ma' James Caterers Limited bhala general hand.

Illi ghalhekk, ebda manteniment ma kien dovut ghax-xahar ta' Novembru, 2014, u dana stante illi hija bdiet tahdem fuq bazi full time sa minn Settembru, 2014.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tat-13 ta' Settembru, 2016 din il-Qorti giet infurmata mill-avukata tal-parte civile li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Ghaldaqstant, tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu u tichad l-appell ta' Reuben Pace. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka s-sentenza ta' gimgha detenzjoni u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.